**2. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Giorgio Borg Olivier, jipproponi:**

Żid dan li ġej mal-Mozzjoni 1:

Imma l-Kamra tiddeplora illi tul iż-żmien kollu - li skond il-Kostituzzjoni ma setgħax ikun itwal - li żamm il-Parlament magħluq, il-Gvern mexa b'mod dittatorjali kemm billi mexa b'aġir deplorevoli ma' awtoritajiet bħala Kap tal-Istat, Ambaxxaturi, kollegi u oħrajn kompriżi "transfers" ta' tbatija lil diversi nies konnessi mal-impieg tal-Gvern, kif ukoll billi għażel politika perikoluża fis-settur tar-relazzjonijiet mal-Esteru li tpinġina ħażin u ma tagħmilx unur għall-isem ta' Malta u dan mingħajr ebda konsultazzjoni ma' ħadd.

16.08.1971